



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10472/23

LIMITE

SCH-EVAL 132
ENFOPOL 289
COMIX 290

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0176(NLE)**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 26 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2022 tal-lžvezja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 26 final.

Mehmuż: COM(2023) 26 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.6.2023
COM(2023) 26 final

2023/0176 (NLE)
SENSITIVE*

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2022 tal-Iżvezja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija

* Distribution only on a 'Need to know' basis - Do not read or carry openly in public places. Must be stored securely and encrypted in storage and transmission. Destroy copies by shredding or secure deletion. Full handling instructions <https://europa.eu/db43PX>

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fis-7 ta' Ottubru 2013, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 1053/2013¹, li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen. F'konformità mar-Regolament Nru 1053/2013, il-Kummissjoni stabbiliet programm ta' evalwazzjoni pluriennali 2020-2024² u programm ta' evalwazzjoni annwali għall-2022³ bi pjanijiet dettaljati għal żjarat fil-post fl-Istati Membri li jridu jiġu evalwati, l-oqsma li jridu jiġu evalwati u s-siti li fihom trid issir żjara.

L-oqsma li għandhom jiġu evalwati jkopru l-aspetti kollha tal-acquis ta' Schengen; b'mod partikolari l-ġestjoni tal-fruntieri esterni, il-politika dwar il-viżi, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, il-protezzjoni tad-data, il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, kif ukoll in-nuqqas ta' kontrolli fuq il-fruntieri fil-fruntieri interni. Barra minn hekk, kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali u l-funzjonament tal-awtoritajiet li japplikaw il-partijiet rilevanti tal-acquis ta' Schengen jitqiesu fl-evalwazzjonijiet kollha.

Abbażi tal-programmi pluriennali u annwali, u f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni wettqu evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-Iżvezja tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija bejn il-21 u l-25 ta' Marzu 2022. Ir-rapport ta' evalwazzjoni⁴ tagħhom jippreżenta l-konklużjonijiet u l-valutazzjonijiet tagħhom, inklużi l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet kollha li ġew identifikati matul l-evalwazzjoni.

Flimkien mar-rapport, it-tim għamel rakkomandazzjonijiet għal azzjoni korrettiva bil-għan li jindirizza n-nuqqasijiet.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922⁵ il-ġdid ġie adottat fid-9 ta' Ġunju 2022. L-Artikolu 31(3) ta' dan ir-Regolament fih dispożizzjonijiet tranżizzjonali li skonthom jenħtieġ li titwettaq l-adozzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet għall-evalwazzjonijiet imwettqa qabel l-1 ta' Frar 2023 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1053/2013. Jenħtieġ li l-attivitajiet ta' segwitu u monitoraġġ ta' tali evalwazzjonijiet, li jibdw bis-sottomissjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni, jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/922.

Konsegwentement, jenħtieġ li r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill xorta jiġu adottati f'konformità mar-Regolament Nru 1053/2013, filwaqt li jenħtieġ li l-attivitajiet ta' segwitu u monitoraġġ ta' tali evalwazzjonijiet,

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27-37.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020) 8045 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jemenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2019) 3692 li tistabbilixxi l-programm ta' evalwazzjoni annwali għall-2020-2024.

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 7727 tal-4 ta' Novembru 2021 li tistabbilixxi l-ewwel taqsima tal-programm ta' evalwazzjoni annwali għall-2022 f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen C(2023) 260.

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013, ĠU L 160, 15.6.2022, p. 1.

li jibdw bil-preżentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni, jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/922.

Din il-proposta fiha r-rakkomandazzjonijiet li jfittxu li jiżguraw li l-Iżvezja tapplika r-regoli kollha ta' Schengen relatati mal-kooperazzjoni tal-pulizija b'mod korrett u effettiv.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet iservu biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet mhumix marbuta ma' politiki ewlenin oħrajn tal-Unjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETA U PROPORZJONALITA'

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen.

- **Sussidjarjeta' (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 jitlob speċifikament lill-Kummissjoni biex tressaq proposta lill-Kunsill biex jadotta r-rakkomandazzjonijiet għal azzjoni korrettiva bl-għan li jiġi indirizzat kull nuqqas identifikat matul l-evalwazzjoni. Hemm bżonn li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex issaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u biex tiżgura koordinazzjoni aħjar fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi garantit li r-regoli ta' Schengen kollha jkunu applikati b'mod korrett u effikaċi mill-Istati Membri.

- **Proporzjonalità**

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 jirrifletti s-setgħat speċifiċi tal-Kunsill fil-qasam tal-evalwazzjoni reċiproka tal-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni fl-isparju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Fid-dawl ta' dan, din il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija proporzjonata mal-oġettiv li jrid jintlaħaq.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-Istati Membri taw l-opinjoni pożittiva tagħhom dwar ir-rapport ta' evalwazzjoni fil-Kumitat ta' Schengen.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

mhux applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Matul il-proċess tal-evalwazzjoni tqies il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

mhux applikabbli

5. ELEMENTI OĦRA

mhux applikabbli

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2022 tal-Iżvezja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbiliet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen⁶, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'Marzu 2022 twettqet evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-Iżvezja. Wara l-evalwazzjoni, rapport li jinkludi l-konklużjonijiet u l-valutazzjonijiet u li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni ġie adottat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2023) 260.
- (2) Ġew identifikati diversi prattiki tajbin matul iż-żjara; 1) L-Iżvezja żviluppat metodoloġija biex tidentifika u tivvaluta oqsma fejn il-kriminalità organizzata għandha impatt kbir fuq il-komunitajiet, 2) L-Iżvezja stabbiliet qafas strutturat għall-kooperazzjoni bejn diversi aġenziji fil-qasam tal-indirizzar tal-kriminalità serja u organizzata, 3) L-Awtorità tal-Pulizija Żvediża tuża kuntatti bilaterali u multilaterali effiċjenti mal-forzi tal-pulizija tal-pajjiżi Nordiċi u ta' sħab reġjonali oħra, 4) Il-pulizija Żvediża tiskjera Uffiċjali tal-Każijiet Internazzjonali (International Case Officers, ICO) fil-livell reġjonali, 5) Uffiċjali ta' Kollegament Żvediżi barra mill-pajjiż għandhom aċċess dirett għall-bażijiet ta' data nazzjonali u l-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (Secure Information Exchange Network Application, SIENA) tal-Europol, 6) L-Iżvezja ma timponix restrizzjonijiet territorjali jew temporali fuq l-insewiment fit-territorju Żvediż u 7) L-Iżvezja żviluppat kunċett ta' kooperazzjoni "fil-livell lokali għal-livell lokali" biex tindirizza sfidi speċifiċi għar-reġjun.
- (3) Jenħtieġ li jsiru rakkomandazzjonijiet dwar l-azzjonijiet korrettivi li għandha tiegħu l-Iżvezja sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati bħala parti mill-evalwazzjoni. Huwa importanti li jiġi rimedjat kull wiehied min-nuqqasijiet, iżda fid-dawl tal-importanza tal-konformità mal-acquis ta' Schengen, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet 1, 2 u 3.

⁶ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (4) Fid-9 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar il-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi⁷. Għalkemm din ir-Rakkomandazzjoni kienet għadha ma ġietx adottata fiż-żmien tal-evalwazzjoni, l-Iżvezja hija mistiedna tqis dan meta timplimenta r-rakkomandazzjonijiet rilevanti fformulati f'din id-Deċiżjoni.
- (5) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri.
- (6) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922⁸ japplika mill-1 ta' Ottubru 2022. F'konformità mal-Artikolu 31(3) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-attivitajiet ta' segwitu u monitoraġġ tar-rapporti ta' evalwazzjoni u tar-rakkomandazzjonijiet, li jibdwew bis-sottomissjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni, jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/922.
- (7) Fi żmien xahrejn mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-Iżvezja, skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922, tistabbilixxi pjan ta' azzjoni biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha u biex tikkoreġi n-nuqqasijiet identifikati fir-rapport ta' evalwazzjoni. Jenħtieġ li l-Iżvezja tipprovdi dak il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

JIRRAKKOMANDA:

Jenħtieġ li l-Iżvezja:

Punt Uniku ta' Kuntatt

1. tkompli bl-awtomatizzazzjoni tal-ipproċessar tal-informazzjoni fil-Punt Uniku ta' Kuntatt inkluż l-integrazzjoni tal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni tal-Europol mas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet DAR;

Ġestjoni tal-informazzjoni u bażijiet tad-data

2. ittejjeb l-applikazzjoni tat-tfittxija nazzjonali (PMF) fuq l-apparat desktop u mobbli sabiex twettaq tfittxijiet uniċi għal oġġetti u individwi, filwaqt li tiżgura wkoll li l-kontrolli fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen kif ukoll fil-bażijiet ta' *data* tal-Interpol ikunu awtomatiċi. Jenħtieġ li l-applikazzjoni mobbli mPMF tippermetti wkoll tiftix fuq vetturi barranin u tfittxijiet fil-bażi ta' *data* ta' Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin tal-Interpol;
3. tagħti aċċess għat-tiftix lis-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol u/jew QUEST lil aktar investigaturi fuq bażi ta' ħtieġa għall-informazzjoni, flimkien ma' taħriġ korrispondenti tal-utenti aħħarin;
4. tistabbilixxi karigatur awtomatizzat ta' *data* li jdaħħal informazzjoni fis-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol, inkluża informazzjoni dwar każijiet ta' investigazzjonijiet attivi li jaqgħu taħt il-mandat tal-Europol;
5. tiżgura aċċess dirett għall-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni tal-Europol għall-uffiċjali kollha li l-ħidma tagħhom fuq networks kriminali tibbenefika minn dan l-aċċess;
6. tagħti u tespandi l-aċċess għall-bażi ta' *data* tal-intelligence tad-Dwana lill-uffiċjali tal-pulizija f'konformità mal-liġi nazzjonali;

⁷ ĠU L 158, 13.6.2022, p. 53–64

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013, ĠU L 160, 15.6.2022, p. 1.

7. iżżid l-għadd ta' kameras tar-Rikonossiment Awtomatiku tal-Pjanċi (Automatic Number Plate Recognition, ANPR) li kapaċi jagħmlu kontroverifika mal-bażijiet ta' *data* tal-pulizija (inter)nazzjonali minħabba t-traffiku transfruntier kostanti ta' gruppi kriminali f'konformità mal-liġi nazzjonali;
8. tiżviluppa soluzzjoni teknika sabiex tippovdi lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi b'aċċess kompjuterizzat għar-reġistri ta' stabbilimenti li jipprovdu akkomodazzjoni għal soġġorn qasir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Iżvezja f'konformità mal-liġi nazzjonali f'każ li tinqala' l-ħtieġa, soġġetta għal salvagwardji adegwati għall-protezzjoni tad-*data*;

Telekomunikazzjoni bir-radju

9. tiżgura, fi sħubija mad-Danimarka, l-użu ta' għodod transfruntiera interoperabbli tat-telekomunikazzjoni bir-radju f'konformità mal-Artikolu 44 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen;

Riżorsi umani u taħriġ

10. tippovdi taħriġ (materjali) kontinwu obligatorju aktar fil-fond għall-persunal rilevanti kollu dwar l-użu ta' bażijiet ta' *data* internazzjonali tal-pulizija u għodod ta' kooperazzjoni (bħall-aċċess għall-VIS għall-infurzar tal-liġi, l-Artikolu 45 tal-Konvenzjoni għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Schengen, id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/JHA) imfassla għad-deskrizzjonijiet tal-kompiti differenti;
11. ittejjeb il-faċilità tal-użu u l-kontenut tas-sit tal-intranet għall-Pulizija Żvediża (Intrapolis), inklużi suġġetti relatati mal-Kooperazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija biex tkompli xxerred l-informazzjoni u tappoġġa u tippromwovi l-għodod tal-Kooperazzjoni Internazzjonali għall-Infurzar tal-Liġi;

Kooperazzjoni transfruntiera bejn il-pulizija

12. tistabbilixxi sistema ta' reġistrazzjoni għal operazzjonijiet transfruntiera skont l-Artikoli 40 u 41 tal-Konvenzjoni għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Schengen li tippermetti l-kompilazzjoni ta' statistika nazzjonali affidabbli għal dawk l-operazzjonijiet.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*